MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2012

Avviz Numru. 152/2011

**Riccardo Samham**

**vs**

**Philip Petroni**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-atturipprezentat nhar l-ghaxra (10) ta' Mejju, 2011, fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi l-konvenut huwa responsabbli fil-konfront ta' l-attur ghar-rifuzjoni tal-ammont ta' hamest elef u tmien mitt Ewro (€5,800) li l-attur ippresta lill-iben il-konvenut Duncan Petroni, u ghal liema ammont huwa dahal responsabbli *in solidum* flimkien mal-imsemmi ibnu, jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma fuq imsemmija ta' hamest elef u tmien mitt Ewro (€5,800) flimkien mal-imghaxijiet legali b'effett mis-26 ta' Frar 2008 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra Nru. 2122/2010 tal-10 ta' Mejju 2010 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat

kontestwalment kontra tieghu. Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa ngunt.

Rat ir-risposta tal-konvenut **Philip Petroni** li giet prezentata fis-26 ta' Settembru 2011 fejn eccepixxa:

1. *"Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante l-intimat qatt ma kellu relazzjoni guridika mieghu u b'hekk ma ggarantixxa l-ebda self li seta ghamel lil Duncan Petroni;*
2. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-bazi tat-transazzjoni jirrigwardja negozju jew transazzjoni illecitu;*
3. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri"*

**Il-konvenut Philip Petroni** xehed nhar id-disgha (9) ta' Novembru 2011 u stqarr li ibnu Duncan Petroni kien jghix is-Swieqi u darba minnhom it-tfel ta' ibnu li jismu Gabriel kien qieghed id-dar ma' missieru u ibnu Duncan kien cempillu u talbu sabiex imur jigbru. Meta mar biex jigbru kien sab lill-attur hemmhekk ukoll u ibnu introducih u ibnu qallu li kien ser jissellef xi flus minghandu. Huwa qaghad jitkellem ma' l-attur s-sur Samham, ghamlu xi kwarta jew ghoxrin minuta jitkellmu u staqsieh x'kien jghamel u ma jghamilx u qallu li kien *boarded out* u li kien pensjonant. Qallu li kien dilettant tad-dghajjes u qallu li huh Victor kellu dghajsa u gieli jiehu pjacir jiehu hsiebha. Fil-fatt qal li l-attur wera interess fid-dghajsa ghax qal li hu jhobb id-dghajjes wkoll u sahansitra spicca anke hadu jara d-dghajsa ta' huh. Qal kategorikament li ma kellu l-ebda diskussjoni dwar flejjes mal-attur u la biex jaghmel xi garanzija jew affarijiet simili bhal dawn. Li kieku kellu il-flus kien isellef lil ibnu huwa stess u mhux jaghmillu garanzija ma' haddiehor.

Il-konvenut spjega illi s-sur Samham ghamillu mandat ta' sekwestru fuq flus li kellu l-bank u nel frattemp huwa kien mar il-Brazil ghax ghandu ibnu arrestat il-Brazil u staqsa lit-tifel propju fuq dan il-kaz ukoll, u meta staqsa lil ibnu x'inhuma dawn il-flus li huwa ssellef minghand l-attur qallu li l-attur ma tahx flus izda minflok tah kokaina. Suppost il-flus li s-sur Samham kellu jsellef lit-tifel tieghi kienu biex igib xi ghamara. Dan skont ma qallu l-attur.

Huwa stqarr li dan kollu intqal f'seduta li saret quddiem il-Qorti meta kien qed jigi trattat il-mandat ta' sekwestru. Tenna illi ibnu qallu li l-attur kien gie introdott lilu minn certu Diego Lamos li dak iz-zmien kien qed joqghod ma' ibnu, ukoll ta' nazzjonalita' Braziljan, u dan Lamos huwa habib tal-attur li huwa wkoll imfittex mill-Interpol fuq *drug trafficking* fil-Brazil. Tenna li huwa ma iffirma l-ebda karta ma' l-attur dwar xi self ta' flus u qatt ma tah xi garanzija lanqas b'mod verbali. Ikkonferma li lill-ibnu Duncan tah diversi flejjes matul iz-zmien u kieku kellu bzonn il-flus kien iselfu hu pero' dak iz-zmien ma' kellux minn fejn itih. Jaf li kien hemm skrittura bejn l-attur u t-tifel tieghu, u din giet esebita fl-atti tal-mandat quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Jaf ukoll li t-tifel tieghu kien irrilaxxja *statement* quddiem l-Ispettur Abdilla fuq dan il-kaz, u dwar din l-iskrittura huwa sar jaf biha meta t-tifel kien qallu dwarha u l-konvenut mar u gabha.

**L-Ispettur Ian Abdilla** xehed fl-20 ta' Gunju 2012 fejn iddikjara li f'April tas-sena elfejn u tmienja jiftakar li kien mar ghandu l-attur li ra prezenti fl-Awla, fejn kien ghamillu *complaint* fuq frodi u dan fil-konfront ta' Duncan Petroni. Dan ir-rapport kien jirigwardja xi flejjes li l-istess Samham kien ghadda lil Duncan Petroni in konnessjoni ma' xi negozju li kienu ser jaghmlu. Jekk ma kienx sejjer zbaljat, is-somma pretisa minnu kienet fl-ammont ta' hamest elef u tmien mitt Ewro (€5,800) u dana fuq xi konsenja ta' ghamara. Huwa jiftakar li waqt li kien qed jispjegalu l-kaz, ix-xhud kien ghamel telefonata. Huwa  jaf li kien xi mobile number pero' n-numru illum il-gurnata insieh. Fuq in-naha l-ohra kien hemm missier Duncan Petroni, certu Philip Petroni u fil-fatt ix-xhud kien tkellem ma' dan Philip Petroni u qallu x'kien il-kaz u qal lix-xhud li jekk kien hemm xi problemi, hu kien lest li jaghmel tajjeb ghalihom.
Ix-xhud hass li dak il-hin Philip Petroni kien inkwetat fuq xi affarijiet li kien qed jaghmel it-tifel tieghu. Fuq background checks li ghamel ix-xhud, kien hemm xi investigazzjoni ghaddejja fil-konfront ta' dan Duncan Petroni. Huwa spjega li sussugwentament, Duncan Petroni kien telaq minn Malta u qatt ma kellu komunika mieghu. Jekk mhux sejjer zball Duncan Petroni illum il-gurnata jinsab arrestat

in konnesjoni mad-droga x’imkien il-Kolombja jew il-Brazil; zgur li x’imkien fl-Amerka t’Isfel.

Ix-xhud spjega li huwa kien cempel minghalih lil Duncan Petroni, pero’ min kien fuq in-naha l-ohra tat-telephone kien idetifika ruhu bhala Philip Petroni, bhala missier Duncan. Jekk ma kienx sejjer zball, hu kien sahansitra ltaqa’ ma’ Philip Petroni u kien hu fil-fatt li semmielu dan il-kaz u ghalhekk huwa konvint li ma’ min tkellem kien effettivament Philip Petroni.

Huwa jiftakar li effettivament kien iltaqa’ mieghu il-Qorti u b’mod informali kien introduca ruhu max-xhud bhala missier Duncan. Kienet kwistjoni informali jew il-Qorti jew x’imkien Republic Street.  Mistoqsi jekk dakinhar kienx urieh ix-xewqa li jkun garanti ta’ ibnu wiegeb li ma jiftakarx. Huwa jaf li l-ammont ma kienx kbir hafna, u fil-fatt kien qallu li jkun ahjar li jissetilja din il-pendenza. Fil-fatt ghandhom file dwar l-investigazzjoni miftuh minn Ricardo Samham. Il-file ghadu miftuh peress l-Ispettur ghadu ma tkellimx ma’ Duncan Petroni u ghalhekk ma jistghax jaghlqu.

**L-attur Riccardo Samham** xehed fl-20 ta’ Gunju 2012 fejn stqarr illi fit-22 ta’ Frar 2008, kien cempillu habib tieghu Braziljan, Diego Lamos fejn qallu li huwa kien f’kuntatt ma’ Duncan Petroni u xtaq jaghmel xi negozju mieghu pero’ huwa ma kellux il-fondi u ghalhekk kien talbu biex jaghmel komunika max-xhud. Ix-xhud qal li l-business kien jikkoncerna importazzjoni ta’ ghamara mill-Far East, fil-fatt kienu sahansitra ddecidew li jiltaqghu fil-flat ta’ Duncan Petroni. Ix-xhud kien mar ghand Duncan fejn Duncan spejgalu li effettivament huwa kien jahdem gewwa l-fond fi Studio 9, li huwa xi negozju tal-familjari tieghu u qallu li kien telaq min-negozju peress li ma kellux relazzjoni tajba mal-kugini. Missieru xtaq jghinu sabiex jibda dan in-negozju mill-gdid pero’ kellu jsib persuna lejali u denja u li kien ser ipoggi l-istess ammont ta’ flus bhala investiment. Huma bdew jitkellmu fuq dan in-negozju u qallu li missieru kien wiehed mis-sidien ta’ Studio 9 u li kien ser ikun garanti tieghu f’dan in-negozju u qallu li huwa kellu flus pero’ kien izommhom ghand missieru. Dan

qal lix-xhud ukoll li l-mara tieghu kienet telqitu ghax kienet marret ma' wiehed mill-impjegati taghhom u ghalhekk huwa kien ghaddej minn xi depression.

Ix-xhud jaf ukoll li kien qallu li huwa kien beda' xi negozju r-Republika Ceka jew il-Bulgarija fuq xi bini u li ma marlux tajjeb. Qal ukoll li missieru kien dispost li jselfilhom wiehed mix-showrooms li kellu jew l-Imsida jew Santa Venera u li kienu wzati bhala storage ghall-ghamara ta' Studio 9. Qalilhom ukoll li kellu truck Isuzu u li missieru kien lest li jsellifulhom. Qalilhom ukoll li missieru kien lest li jixtri l-ghamara hu peress li diga kellu esperjenza f'dan il-qasam tax-xoghol. Ix-xhud wiegbu li kollox deher tajjeb pero' kellu bzonn il-konferma minghand missieru. Dan peress li huwa qal li missieru kien lest li jaghmel tajjeb ghalih. Naturalment qallu wkoll li huwa jaqbel li x-xhud jiltaqa' ma' missieru, ghaliex hu kellu bzonn lill-missieru sabiex jaccetta lix-xhud bhala partner tieghu. Ix-xhud spjega li huma ftehmu li hu kellu jitkellem ma' missieru u kellu jcempillu lura sabiex jaghmlu appuntament. Dana dejjem a bazi ghal fatt li missieru kien ser ikun il-garanti tieghu.

Ix-xhud iddikjara li huwa fil-fatt imwieled il-Brazil u llum il-gurnata ghandu cittadinanza Maltija. Huwa ilu jghix hawn Malta ghal dawn l-ahhar erbatax-il (14) sena. Huwa mizzewweg wahda mara Maltija.
Ix-xhud kompla jispega li l-ghada, cioe' fit-23 ta' Frar 2008 cempillu Duncan u qallu li missieru xtaq jiltaqa' mieghu. Huma ddecidew li jiltaqghu fis-sebgha ta' filghaxija (19:00hrs), ghal darba ohra fil-fond tieghu is-Swieqi. Huwa stqarr illi dakinhar meta x-xhud mar il-flat ghand Duncan, kien sab lil Duncan u l-martu, flimkien ma' missieru, ibnu u kif ukoll lil Diego Lamos.

Ix-xhud iltaqa' ma' Philip Petroni li ntroduca ruhu fejn qallu li huwa kellu negozju kbir, kien l-ewwel importatur tal-magni, tal-washing machines u fannijiet pero' qal li kien qed jikber fiz-zmien. Qallu wkoll li xtaq jghin lil ibnu, u li kien lest li jkun il-garanti tieghu. Pero' ma xtaqx jghaddi l-flus kollha f'daqqa lil ibnu peress li hass li ibnu ma kienx japprezza l-flus, u kien ghalhekk li huwa xtaq li ibnu jkollu partner tajjeb u dicenti biex ikollu aktar motivazzjoni ghax-

xoghol. Dan kien qallu li kien importanti li huwa jkollu partner tajjeb ghaliex huwa diga kellu esperjenza hazina ma’ xi partners li huwa kellu gewwa Czekoslovakia u l-Bulgarija, u hemmhekk huwa tilef diversi eluf ta’ Ewro. Fil-fatt qal lix-xhud ukoll li huwa sinjur u li kellu l-flus u kien qed jahdem ghal ibnu pero’ huwa xtaq li ibnu jhoss l-importanza tal-flus.

Imbaghad huma dahlu fid-dettalji li kien qallu dwarhom Duncan il-gurnata ta’ qabel. Fil-fatt Philip Petroni beda jghid lix-xhud li mill-esperjenza tieghu kien importanti dak iz-zmien, li huma jgibu ghamara li tigi assembled hawn Malta. Huwa qal lix-xhud li ma kellux ghalfejn jinkweta ghaliex kien jixtri l-istess ghamara ghalihom li kien jixtri ghal Studio 9. Dakinhar ukoll Philip Petroni qalilhom li kien lest li jaghtihom il-fond li kellu gewwa Santa Venera peress li kien qieghed f’post ahjar u dan bla kera ghal dak il-hin. Duncan dak il-hin semmilu t-truck u qallu, iva naturalment kien lest li jssellifulhom, peress li kien bzonnjuz sabiex igorru l-ghamara. Philip qal ukoll li huwa kellu l-kompressur, li kellu bzonn jintuza sabiex jippressa l-ghamara, tra l-woodwork. Qallilhom ukoll li huwa kien lest li jmur hu l-Far East fejn kien hemm huh sabiex jaghmel in-negozjati. Huwa ggarantixxa kollox u x-xhud ma’ kellu xejn ghaliex jinkwieta ghall-investiment tieghu. Ix-xhud kellu jiftiehem mieghu meta kien ser jiehu l-flus ghand Duncan peress li l-Hamis ta’ wara kellu jmur il-Far East. Ix-xhud qallu li ma setax jiltaqa’ mieghu t-Tnejn ta’ wara izda seta’ jitlaqa’ mieghu t-Tlieta. Duncan qal lil Samham biex jassigurah li huwa ser ikun hemm it-Tlieta peress li huwa kien ser isiefer jumejn wara u kellu bzonn li l-flus ikunu ghandu. Ix-xhud wiegbu li peress li kien daqshekk genwin, kien ikun gust li huwa jkun wiehed mill-partners ukoll. Qal lix-xhud ukoll li ma xtaqx li jkun partner minhabba konflitt ta’ interess u li kellu diga’ problemi man-neputijiet tieghu fil-hanut. Pero’ qallu biex ma jinkwetax ghaliex kien hu li ser jaghmel in-negozju ghan-nom taghhom. Imbaghad qallu li xtaq ikellmu wahdu u jiltaqa’ mieghu fejn id-dghajsa li kien xtara minghand Mike Bongiorno.

L-attur iddikjara li l-ghada mar Ta' Xbiex fejn urieh id-dghajsa li kellu u kellmu dwar il-progetti li huwa kellu una volta jirtira. Qallu wkoll li kien xtara Jaguar Vintage u li kienet tiswa hafna flus. Kienet l-ewwel Jaguar li kienet waslet Malta. Wara beda jkellmu fuq ibnu fejn beda jghid li t-tifel tieghu huwa ragel sewwa u li kien ghaddej minn perjodu ikrah f'hajtu u ghal darba ohra rega' kkonfermalu li kien ser ikun garanti ta' ibnu. Qallu wkoll li una volta x-xhud johodlu l-flus it-Tlieta ta' wara, huwa kien ser ipoggi sehemu wkoll, u kien ser ikollu l-flus taghhom it-tnejn. Qallu wkoll "ghaliex ma' npoggux tlett mitt lira ohra dak in-nhar?" Ghaliex kien hemm xi promotion il-Far East u b'hekk ikun jista' jgib xi container iehor. Dakinhar ix-xhud qallu li ma kellux minn fejn jaghmel hekk, u ghalhekk wiegbu sabiex ma jinkwetax u jkomplu ghaddejin bil-ftehim. Ix-xhud stqarr illi huwa fehem genwinament li huwa kien ser jaghmel din id-differenza biex igibu dan il-container l-iehor. Ix-xhud fil-fatt dakinhar telaq u kienu ftehmu li kellhom jergghu jiltaqghu t-Tlieta fil-hdax ta' filghodu ghand Duncan.

Dak in-nhar meta l-attur mar, il-konvenut ma kienx hemm, staqsa ghalih u Duncan qallu li kien inqabad fuq ix-xoghol u ma setghax jigi. Ix-xhud qallu li ma kienetx problema u qallu li kien lest li jmur fejn kien qed jahdem missieru u jaghtih il-flus. Fil-fatt it-tifel qallu li kien ser icempel lill-missieru. Huwa cempel lill-missieru u ghaddielu t-telephone, fejn Samham qallu li kien lest li jehodlu l-flus fejn kien pero' huwa wiegbu li ma kienx hemm ghalfejn. Huwa kien lest li x-xhud ihalli l-flus ma' Duncan u mbaghad Duncan igibhomlu. Fil-fatt ix-xhud qallu jekk jimportax icempillu lura meta jircievi l-flus u qallu li kien lest li jcempillu lura.

Samham tah il-flus, Duncan ghoddhom, iffirmaw kuntratt u telaq ghax-xoghol. Ghaddiet siegha u x-xhud ma sema' xejn minghand Philip. Huwa mbaghad cempel lil Diego Lamos u qallu li Philip ma kienx cempel. Dan qallu li ma kienetx problema u li kien ser icempillu hu. Huwa skuza ruhu ghaliex ma kienx cempel qabel, pero' hu kkonfermalu li effettivament Duncan kien hadlu l-flus u qallu li kellhom jergghu jitlaqghu. Dan kien nhar is-26 ta'

Frar 2008, jum it-Tlieta u dan kien ghal habta tan-nofs siegha.

Wara beda’ jkellem lix-xhud fuq l-MSN, qallu li kollox kien sew Duncan, u li missieru kien qieghed il-Far East u li ma kienx hemm problemi. Ix-xhud talbu biex imur jara x-showroom pero’ qallu li ma setghax u kellhom imorru l-gimgha ta’ wara. Sussegwentament ix-xhud beda jcempillu sabiex ikollu kuntatt mieghu u jibghatlu messaggi pero’ ma kienx qed iwiegeb.

Ix-xhud mar ifittxu pero’ ma’ sabux, pero’ jiftakar li fil-21 ta’ Marzu u cioe’ jumejn qabel l-Ghid il-Kbir kien mar ghand Duncan u sabu fil-gallarija fil-fond tieghu. Ix-xhud staqsieh x’gara u ghaliex ma kienx qed iwiegbu u ghalhekk qallu li kien lest li jerga’ jmur hemmhekk fis-sitta. Samham staqsieh jekk kellux imur hemmhekk biex jistenna lill-missieru jew jekk kellux imur ghandu. Duncan wiegbu li ma kienx ser ikun hemmhekk u saqsieh kif ser jiltaqghu u qal lill-attur biex jistennieh u li kien ser icempillu ghall-hin tas-sitta u nofs. Ix-xhud stenna sas-sebgha u ma cempilx u ghalhekk cempillu huwa stess. Dan qallu li kien inqabad bix-xoghol pero’ kien ser jitlaq.

Fit-tmienja nieqes kwart rega’ cempel ix-xhud u staqsieh x’ kien gara u qallu li kien inqabad fuq ix-xoghol pero’ li missieru kien irrabjat, u kien qed jistennieh ghand zijtu il-Mosta. Qallu li kien qieghed ghand zijtu l-Mosta u ftit ilu kien qed jitkellem ma’ ohtu u una volta jispicca kien ser jitlaq u li kellhom ikunu hdejn ix-xhud fid-disgha. Fid-disgha u nofs ix-xhud qal li cempel lil Philip Petroni direttament, fejn qallu “ahna ma’ kellniex niltaqghu” u huwa wiegeb li ma’ kien jaf b’xejn b’dan l-inkontru u li ibnu ma kien qallu xejn. Dan qallu li kien iddispjacut u kellu jcempel lit-tifel u cempillu, qal lix-xhud li kien iddispjacut hafna, kien qed jipprova jaqbad lit-tifel tieghu pero’ t-tifel ma kienx qed iwiegeb. Ghalhekk qallu biex ma jinkwetax ghax l-ghada kien ser ikollu lill-familja kollha tieghu id-dar u fosthom kien ser ikun hemm Duncan u kien ser icempilli lura peress li kien l-Ghid.

Ix-xhud kompla jispjega li fit-23 ta' Marzu li kien jum l-Ghid, cempillu Philip, u qallu li ma kellux cans ikellem lil Duncan dakinhar pero' li kien ser ikellmu l-ghada jew it-Tlieta. L-Erbgha 26 ta' Marzu x-xhud cempel lil Philip u qallu li ma kienx ghadu kellmu lil Duncan pero' kien ser ikellmu dakinhar. L-ghada rega' cempillu, kien il-Hamis, 27 ta' Marzu u Philip qallu li kellu bzonn ikellmu u qallu li mhux dak in-nhar izda il-Hadd.

Ix-xhud stqarr illi dakinhar it-30 ta' Marzu, Philip ma marx. Ix-xhud kellu n-numru tieghu, cempillu u qallu li ma setghax ikellmu dakinhar, u kellu jkellmu l-ghada jew it-Tlieta. L-ghada 31 ta' Marzu cempillu u qallu biex jiltaqghu l-ghada l-1 ta' April. Qallu li kien hemm problema u li kien ikun ahjar li jwaqfu n-negozju. Huwa qallu "taf li Diegu spicca l-habs" u x-xhud wiegbu "iva naf ghax kien inqabad bla Visa". Dan sar jafu peress li kien qallu hekk Duncan. Diego kien jahdem l-Gaming Industry pero' l-boss tieghu ma kienx ghamillu l-permess. Ix-xhud talbu biex jiehu flusu lura pero' dan qal li ma setghax ihallsu dik il-gimgha peress li kellu security limit. Ghalhekk kellu jiltaqa' mieghu il-gimgha ta' wara.

Ix-xhud cempillu t-Tnejn u qallu li kien imhabbat u li kellhom jiltaqghu l-ghada ghal habta tal-hamsa u nofs u kienu mifthemin biex jiltaqghu fit-8 ta' April, fil-hamsa u nofs, pero' sas-sitta ma kienx mar. Huwa qal li cempillu tliet darbiet u ma wiegibx, pero' cempillu lura hu, u staqsa lix-xhud x'kien gara u wiegbu "x'ser naghmlu". Dan wiegbu li huwa mhabbat, kien spicca minn ma' huh u kien qieghed Marsaskala fejn kien ser jiltaqgha ma' zewg Taljani, minghand min kien ser jimporta xi ghamara mill-Italja. Ix-xhud qallu li kien lest li jmur hemmhekk hdejh u li tant ilu jistennieh, li ma jimpurtax li jmur u jerga' jistenna. Ghalhekk wiegbu biex jistenna u jerga' jcempel lura lix-xhud. Ghaxar minuti wara rega' cempel u qal lix-xhud li l-ghada kellu jmur il-Belt u ghal habta tat-tmienja u nofs id-disgha kien lest li jmur jiltaqa' max-xhud. Dan kien l-Erbgha 9 ta' April.

Ix-xhud stenna sa' l-ghaxra ta' filghodu u baghatlu wkoll SMS u qallu li ghal darba ohra kien qed jistenna ghalxejn

u li kull ma ried hu li jiehu lura flusu u daqshekk. Philip wiegbu lura li ma qallux li kien ser jaghtih lura l-flus u li dik hija kwistjoni tax-xhud ma' Duncan.

Huwa ddikjara li dakinhar induna li dawk in-nies kienu kollha frodisti u ma kienx ser jiehu flusu lura u mar ghand il-pulizija, tal-frodi u nfurmahom b'dak li kien gralu u sussugwentament stqarr li Duncan ghall-ewwel kien qallhom li kien xtara l-ghamara u li kellu l-ircevuti, u li kien ser imur l-ghassa fil-hamsa u nofs ta' fil-ghaxija. Lill-ispettur qallu li ried ikun prezenti sabiex jisma' l-verzjoni tieghu u qallu biex ikun hemmhekk ghall-hamsa u nofs. Ix-xhud mar lura ghax-xoghol u ghal habta tat-tlieta cempel Philip fejn qallu li jiddispjacieh b'dak li kien gara u li kien rah irrabjat u kien lest li jghin biex isolvu din il-problema. Ix-xhud qallu li jekk huwa lest li jaghtih il-flus, huwa kien lest li jwaqqaf kollox mal-Pulizija. Meta sar jaf li kien mar ghand il-pulizija Philip irrabja hafna u qallu li huwa ma' kellu x'jaqsam xejn ma' din il-kwestjoni u sabiex ma jsemmihx mal-pulizija. Dak in-nhar huwa qal lix-xhud li Diegu kien seraq il-flus minghand Duncan, pero' x-xhud qatt ma' kien sema' b'din il-kwistjoni qabel. Fil-fatt ix-xhud zied jghid li Philip ma kienx korrett ghaliex Philip kien cempillu u qallu li kien ircieva l-flus, u dejjem qallu, li kien lest li jaghmel tajjeb. Izda meta sussugwentament Duncan mar l-ghassa huwa kkonferma lill-pulizija li verament ma kienx hemm ghamara, u li kien qed jigdeb. Qal li huwa kien ta' l-flus lill-missieru pero' kien hadhom lura xi tliet ijiem wara.

Ix-xhud stqarr li lil Diego Lamos kien jafu ghal xi perjodu ta' tliet snin ghax kien jaghmel l-istess tip ta' xoghol li jaghmel hu. Huma hawnhekk ghandhom Brazilian Community u jiltaqghu kultant zmien.

Ix-xhud jaf li l-Ispettur kien cempel lil Philip Petroni quddiemu wara li kien tah in-numru tieghu cioe' fuq in-numru 99868681. Fil-fatt waqt li huwa kien qed jitkellem ma' Duncan Petroni, il-pulizija kienet qed iccempel lil Philip Petroni, ix-xhud sema' lil Philip Petroni iwiegeb u qal lill-ispettur li effettivament kien hemm Philip Petroni fuq in-naha l-ohra tal-linja.

Samham ikkonferma li sallum il-gurnata huwa ghadu ma thallasx. Meta l-ispettur kien qed jitkellem ma’ Philip Petroni huwa semghu jghidlu li kien ser jaghmel tajjeb ghat-tifel. Meta huwa staqsa lill-ispettur biex jispegalu xi tfisser li ser jaghmel tajjeb, huwa wiegbu li jfisser li kien ser ikun garanti tieghu. L-ispettur tah gimgha biex ihallsu pero’ sallum il-gurnata ghadu ma thallasx. L-ispettur qallu biex imur jirraporta lura lilu jekk ma jhallsux u fil-fatt hekk ghamel.
Huwa sostna li matul is-sena huwa talab lill-ispettur diversi drabi biex jibda din il-kawza kriminali, pero’ din ghadha ma nfethitx. Sena wara sar jaf li Duncan kellu hanut hdejn is-Swatar HSBC, u x-xhud mar jitlob ghal flusu, huwa ma kienx hemmhekk u l-mara tieghu cemplitlu, u ghaddiet it-telephone lix-xhud. Huwa tenna li dakinhar beda jeddhed lix-xhud li kien ser joqtlu kemm lilu kif ukoll lill-familja tieghu. Ix-xhud cempel lill-Avukat tieghu Dr Anthony Farrugia u qal lix-xhud biex imur mill-ewwel ghand il-pulizija sabiex jaghmel rapport. Ghal darba ohra rega’ mar ghand l-Ispettur u qallu x’gara u kien lest li jaghmel dan ir-rapport. L-ispettur qallu biex ma jinkwetax ghax kien ser jiehu hsieb kollox hu. Ghal darba ohra rega’ talbu biex meta jibaghat ghalih kellu jkun prezenti. L-ispettur cempillu u ftehmu biex jiltaqghu l-ghada f’Settembru 2009.

Dakinhar kien hemm Duncan u l-avukat, hu gab mieghu karta li kien log book ta’ karozza li tappartjeni lill-missieru, u Philip Petroni baghat u li kien ser jaghmel tajjeb ghal din il-kwistjoni biha. Ix-xhud esebixxa kopja tal-istatements li rrilaxxa Duncan Petroni lill-Pulizija u gew immarkati mill-Qorti bhala Dokument S. Huwa esebixxa wkoll kopja tad-dokumentazzjoni li kien gab mieghu biex jaghmel tajjeb ghal ibnu Philip, u li gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument S1, u cioe’ l-log book tal-karozza in kwestjoni. Huwa esebixxa wkoll il-kuntratt li ghamlu dwar il-flus li giet immarkata bhala dokument S2. Esebixxa wkoll statement of account li gie mmarkat bhala dokument S3 li jindika l-flus li huwa hareg fil-25 ta’ Frar 2008, liema flus kien ghaddihom lil Philip Petroni, tramite t-tifel tieghu Duncan. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tar-rapport li huwa ghamel

ghand l-ispettur Abdilla permezz ta' email li qed tigi mmarkata mill-Qorti bhala dokument S4.

**L-Ispettur Ian Abdilla** xehed nhar l-10 ta' Ottubru 2012 fejn iddikjara li fil-fatt diga ta' x-xhieda tieghu u li prezentament qed izid maghha. Stqarr li kien mitlub sabiex jghaddi kopja tar-rapport li huwa kien ircieva minghand il-kwerelanti Riccardo Samham, fil-konfront ta' Duncan Petroni. Ikkonferma li Riccardo Samham kien mar ghandu u spjegalu l-kaz u sussugwentement kien baghtlu email bir-rapport dettaljat dwar il-fatti tal-kaz in kwistjoni. Esebixxa d-dokument li gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument Z.

Rat in-nota ta' sottomissjoni tal-attur kif prezentata fl-atti nhar id-29 ta' Ottubru 2012 bil-visto tal-kontroparti kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ipprezentata nhar l-20 ta' Novembru 2012.

Rat illi l-atti kienu kollha kompilati u ghalhekk il-Qorti ghaddiet biex taghti sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju li f'din il-kawza kollox jiddependi fuq kwistjoni ta' kredibilta' ta' xhieda u apprezzament ta' dak li qalu waqt li kienu fil-pedana tax-xhieda. Kif tajjeb gie osservat fis-sentenza fl-ismijiet '**Frank Giordmaina Medici vs William Rizzo et',** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-28 ta' April 2004:

"*Huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-*

*bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.*

*Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli”*.

Jinghad li mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.

Fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni (vide ‘**George Bugeja vs Joseph Meilaq’** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta’ Ottubru 2003).

Issa fil-kaz in ezami l-attur qed ighid li huwa kien ta somma flus lil iben l-konvenut, certu Duncan Petroni xi zmien ilu u l-konvenut kien ghamel tajjeb ghalih. Jispjega fix-xhieda tieghu fuq prodotta fejn kien iltaqa’ ma’ dan Duncan Petroni u kif ma xtaqx jisilfu flus izda kien biss meta intervjena l-konvenut u iltaqa’ mieghu ghand ibnu stess li huwa iddecieda li jaghmel negozju mieghu u

jghaddilu  l-flus reklamati minnu sabiex jonora il-ftehim esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok S2 a fol. 34 tal-process. Jinghad li l-attur originarjamanet kien ser jaghmel in-negozju ta’ importazzjoni ta’ ghamara flimkien mal-konvenut u ma’ ibnu pero’ fil-jum meta l-attur kellu jiltaqa’ mal-konvenut sabiex itih sehmu mill-flus sabiex javvera n-negozju imsemmi fil-kuntratt Dok S2 u b’hekk ikun jista’ jixtri l-ghamra mill-Asja kif miftehma, l-konvenut kien baghat lil ibnu Duncan u l-attur kien ghaddielu is-somma pretiza fir-rikors promotur (vide rapport ta’ l-attur mibghut lill-Ispettur Ian Abdilla a fol. 41 tal-atti). L-attur jispjega li l-konvenut li gja kellu esperjenza fl-importazzjoni ta’ ghamara mill-Asja kellu jmur fl-Asja u jaghzel l-ghamara hu. Jghid ukoll li l-konvenut kien issugerixxa li juzaw wahda mill-warehouses tieghu ghaz-zamma tal-ghamara una volta l-ghamara tasal Malta u tibqa’ hemm sakemm tinbiegh.

Il-konvenut ighid fl-ewwel eccezzjoni tieghu li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur ta’ l-attur u dan ghaliex ma kellux x’jaqsam ma’ dan in-negozju u fil-fatt jispjega li ma jikkonfigurax fl-iskrittura esebita u mmarkata bhala Dok GV1 pero’ mill-provi cirkostanzjali jirrizulta li effettivament l-konvenut kien jaf bin-negozjati li kienu ghaddejjin tant li sahansira anke wieghed li jaghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet ta’ ibnu. L-attur spjega li l-konvenut ma deherx fuq l-iskrittura ghaliex gja kellu dan in-negozju ma huh u ma riedx li huh jinduna li kien ser jimporta din l-ghamra ghaliex kien ikollu kunflitt ta’ interess u dan jikkrejalu problema ma’ huh u ghalhekk kien qallu li kien ser jidher Duncan Petroni fuq l-iskrittura ghalkemm huwa kien ser ikun warajh.

Gara pero’ li l-attur induna li l-konvenut kien dahaq bih u dan ghaliex kull darba li kienu miftiehma sabiex jiddiskutu dan in-negozju, l-konvenut ma zammx l-apputamenti tieghu u dan minkejja li Duncan kien sahansitra anke offra li jirrifondi lura l-flus.

L-attur esebixxa kopja ta’ l-istatement tal-bank sabiex jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li huwa kien irtira fil-25 ta’ Frar 2008  dan l-ammont ta’ hamest elef u tmien mitt

Ewro (€5,800) mill-kont kurrenti tieghu mal-Bank of Valletta skond id-dokument S3 esebit a fol. 35 u wara tahom lil bin il-konvenut bl-intiza li jtihom lil missieru, il-konvenut odjern.

Ta' interess f'dan il-kwadru tal-fatti hija dak li qal l-Ispettur Ian Abdilla fix-xhieda tieghu il-Qorti nhar l-20 ta' Gunju 2012 meta jghid li huwa kien tkellem mal-konvenut u dan min naha tieghu kien obbliga ruhu li jaghmel tajjeb ghad-dejn ta' ibnu Duncan.

Harsa lejn l-istatement rilaxxjat minn Duncan Petroni li gie pprezentat mill-Ispettur Ian Abdilla li kien interroga lil dan Duncan Petroni a tempo vergine tal-allegazzjoni tal-frodi (Dok GV2) jirrizulta li effettivament huwa kien laqqa' lil missieru ma' l-attur u kien spejgalu in-natura tan-negozju li kienu ser jaghmlu flimkien ma' l-attur.

Il-konvenut fix-xhieda tieghu jammetti li ltaqa' ma' l-attur fir-residenza ta' ibnu kif qal l-attur gewwa is-Swieqi, ammetta li verament qaghad jitkellem mieghu tant li anke hadu jara id-dghajsa li kellu pero' jichad li kellu xi diskussjoni fuq self ta' flus jew li kien ser ikun responsabbli flimkien ma' ibnu. L-attur qatt ma jghid li l-konvenut kien ser ikun garanti ta' ibnu izda li huwa debitur principali tieghu ghaliex il-flejjes li gew rilaxxjati minnu f'idejn Duncan Petroni kienu intizi sa mill-bidu nett ghall-konvenut odjern li isserva b'isem ibnu sabiex ma jkollux inkwiet ma' huh, stante in-natura tan-negozju kien l-istess bhal dak li kellu ma' huh.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li kienet tezisti relazzjoni guridika bejn il-partijiet. Jispetta lil Qorti tezamina il-provi sabiex tara jekk pero' l-konvenut kienx in solidum responsabbli ghall-kreditu ta' l-attur.

Ir-*ratio* tas-solidarjeta` huwa dak li jittutela l-interessi tal-krendituri (ara: "**Sciberras pro et noe vs Rhouri et**" – Appell Inferjuri/PS - 9 ta` Novembru, 2005).Is-solidarjeta` titwieled jew ghax espressament provdut mil-ligi jew bil-volonta` tal-partijiet (Art. 1089) [ara - "**Catania vs Degiorgio et**" - Prim` Awla, tal-Qorti Civili -21 ta` Frar,

1958). Fil-kamp civili, is-solidarjeta` ma tistax tkun prezunta.

Il-presupposti ta` l-obbligazzjoni solidali huma (a) pluralita` ta` soggetti, (b) l-*idem debitum*, ossija l-istess prestazzjoni (Art. 1094), anke jekk ikunu jezistu modalitajiet diversi fil-kaz ta` whud mill-kondebituri (Art.1095 tal-Kap.16), diretta ghas-sodisfaciment ta` istess interess kreditorju, u (c) l-*eadem causa obligandi* ossija meta d-debituri huma kollha obbligati ghall-istess haga b`mod li kull wiehed minnhom jista` jigi kostrett ghall-hlas tad-dejn kollu, u l-hlas maghmul minn wiehed minnhom jillibera lill-ohrajn *di fronte* ghall-kreditur (Art.1094) [ara: "**Primrose Poultry Products Limited vs Balzan et**" – Appell Inferjuri/PS – 12 ta` Dicembru 2008 u "**Borg Cold Stores (Import & Distribution Ltd vs Pickard e***t*" – Appell Inferjuri/PS – 19 ta` Ottubru 2005].

Illi fid-dawl tas-suespost il-Qorti hija tal-fehma li effettivament il-konvenut kien dahal bhala *garanti in solidum* ma' ibnu Duncan Petroni u li ghalhekk l-attur setgha gustament jagixxi fil-konfront tal-garanti u cioe' l-konvenut odjern minghajr il-htiega li jharrek lid-debitur principali, specjalemt fid-dawl ta' dak li qal l-Ispettur Ian Abdilla li Duncan Petroni illum jinsab il-Habs gewwa il-Colombja akkuzat fuq akkuzi li jikkoncernaw d-droga. Ma hemmx dubju mill-provi migbura li jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-elementi imsemmija fil-paragrafu ta' qabel dan ghall-ezistenza ta' obbligazzjoni solidali jirrizultaw ghas-sodisfazzjon tal-Qorti u dan ghaliex ix-xhieda ta' l-attur hija hafna aktar kredibbli (stante li hija korroborata minn xhieda u fatti ohra) minn dik moghtija mill-konvenut.

Issa l-konventu ma gab l-ebda prova sabiex isahhah din l-allegazzjoni tieghu li l-causa tas-self kienet wahda illecita. Fil-fatt lanqas meta xhed l-konvenut stess nhar id-9 ta' Novembru 2011 ma jghid li l-flus gew imselfa fuq kwistjoni illecita. Jghid biss li l-habib ta' ibnu ta' Nazzjonalita Braziljana, li hu allegatament habib ta' l-attur, kien imfittex mill-Interpol in konnessjoni ma' xi kwistjoni ta' droga u xejn iktar. Jirrizulta li bin l-konvenut verament

qieghed il-habs in konnessjoni ma' droga pero' l-konvenut zgur ma irnexxilux jipprova in-nexus bejn dawn il-fatti u s-self li l-attur ghamel.  Ghalhekk tali eccezzjoni qieghda tigi wkoll michuda.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' it-talba attrici b'dan illi qieghda tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma mitluba minnu fir-rikors promotur fl-ammont ta' hamest elef u tmien mitt Ewro (€5,800).**

**Bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------